

Brussell, 22 ta' Novembru 2017
(OR. en)

14206/17

EDUC 406
JEUN 141
EMPL 540
SOC 708

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: Nru dok. Cion:	13538/17 EDUC 381 JEUN 129 EMPL 511 SOC 668 9842/17 EDUC 276 JEUN 79 EMPL 346 SOC 449 + ADD 1
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-iżvilupp tal-iskejjel u t-tagħlim eċċellenti - <i>Konklużjonijiet tal-Kunsill (20 ta' Novembru 2017)</i>

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-iżvilupp tal-iskejjel u t-tagħlim eċċellenti, adottati mill-Kunsill fit-3577 laqgħa tiegħu li saret fl-20 ta' Novembru 2017.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-iżvilupp tal-iskejjel u t-tagħlim eċċellenti

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

FILWAQT LI JFAKKAR fil-kuntest politiku għal din il-kwistjoni kif jinsab fl-Anness għal dawn il-konklużjonijiet;

FILWAQT LI JIRRIKONOXxu LI

1. Edukazzjoni fl-iskejjel ta' kwalità għolja, inklużiva u ndaqs għal kulħadd li ssir realtà għal dawk kollha li jirċevuha hija prijorità ewlenija li tinfluwenza l-progress soċjali u t-tkabbir sostenibbli tal-Unjoni Ewropa fil-ġejjieni. L-edukazzjoni taqdi rwol deċiżiv fl-aspettattivi taż-żgħażaġh u fl-opportunitajiet ta' ħajjithom, u twitti t-triq biex l-istudenti jissodisfaw lilhom infushom fil-ħajja ċivika u soċjali, fis-suq tax-xogħol u fil-ħajja privata tagħhom.
2. Huwa importanti għall-individwi li jibqgħu jitgħallmu tul ħajjithom, sabiex ikunu jistgħu jilqgħu għall-isfidi ta' dinja li qed tinbidel b'rata mgħaġġla. L-iskejjel, appoġġati mill-bqija tal-komunità, jistgħu jaqdu rwol importanti fl-għajjnuna lil individwi biex jiżviluppaw firxa wiesgħa ta' kompetenzi ewlenin,¹ jerfgħu r-responsabbiltà tat-tagħlim tul ħajjithom u tal-karrieri tagħhom, u jsiru ċittadini attivi u responsabbli.

KONXJU MINN

3. il-ħtieġa għal approċċi kontemporanji għat-tagħlim u l-governanza fis-sistemi tal-edukazzjoni fl-iskejjel li huma msejsa fuq l-iżviluppi fix-xjenzi tat-tagħlim u li jgħinu lill-iskejjel biex iwieġbu għall-bżonnijiet edukattivi dejjem jinbidlu tal-istudenti, is-soċjetà u s-suq tax-xogħol, kif ukoll dawk kawża tal-iżviluppi diġitali u teknoloġiċi;

¹ Fir-Rakkomandazzjoni dwar il-Kompetenzi Ewlenin għat-Tagħlim Tul il-Ħajja tal-2006, il-kompetenzi ewlenin huma ddefiniti bħala taħlita ta' għarfien, ħiliet u attitudnijiet.

4. l-isfidi involuti biex jintlaħaq il-punt ta' riferiment għall-2020 biex jonqsu dawk li jaqgħu lura fil-qari, il-matematika u x-xjenza,² li jeħtieġu sforzi politiċi serji għat-titjib fil-kapaċità tal-iskejjel li jappoġġaw lill-istudenti kollha, inkluż dawk bi ħtiġijiet edukattivi speċjali u studenti ġejjin minn kuntesti żvantaġġati;
5. il-fatt li minkejja l-progress tajjeb li sar fl-aħħar għaxar snin, hemm bżonn ta' sforzi kontinwi biex tintlaħaq il-mira ewlenija tal-Ewropa 2020 tat-tnaqqis fir-rata ta' dawk li jtitilqu kmieni mill-iskola;³
6. il-ħtieġa li jiġu promossi l-ekwità, l-ugwaljanza u l-inklużività fl-edukazzjoni fl-iskejjel u permezz tagħha, peress li l-kuntest soċjoekonomiku jibqa' fattur influwenti ħafna fis-suċċess edukattiv tal-istudenti;
7. il-ħtieġa li jsir investiment fl-għalliema u fil-mexxejja tal-iskejjel bħala determinanti qawwija tas-suċċess tal-istudenti u biex jappoġġawhom fit-teħid tar-responsabbiltà u fil-kisba ta' bilanċ aħjar bejn l-awtonomija u l-obbligu ta' rendikont professjonali;
8. l-importanza ta' governanza tajba tas-sistemi tal-edukazzjoni fl-iskejjel, u l-bilanċ bejn l-awtonomija tal-iskejjel u l-obbligu ta' rendikont bħala fattur kruċjali fit-titjib fil-kwalità, l-ekwità u l-effiċjenza fl-edukazzjoni;
9. l-importanza tal-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal li twitti t-triq għal livelli ogħla ta' prestazzjoni fuq il-livelli kollha edukattivi futuri u l-partekippazzjoni fit-tagħlim tul il-ħajja, kif ukoll il-promozzjoni ta' tagħlim għat-tfal kollha, u l-benesseri u l-iżvilupp tagħhom.

JENFASIZZA LI

10. Id-diversità hija karatteristika tal-edukazzjoni fl-iskejjel fl-Ewropa, fejn l-Istati Membri huma kompletament responsabbli għall-organizzazzjoni u l-iżvilupp tas-sistemi edukattivi tagħhom, jiġifieri s-soluzzjonijiet li jindirizzaw sfidi komuni u li jimplimentaw riformi mmirati jistgħu jvarjaw skont il-kuntesti nazzjonali, reġjonali u lokali.

² Sal-2020, is-sehem ta' dawk ta' ħmistax-il sena li jaqgħu lura fil-qari, il-matematika u x-xjenza għandu jkun inqas minn 15 %.

³ Sal-2020, is-sehem ta' dawk li jħallu l-edukazzjoni u t-taħriġ kmieni għandu jkun inqas minn 10 %.

11. Il-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam tal-edukazzjoni fl-iskejjel, speċjalment permezz tal-programm Erasmus+, għandha valur miżjud tal-UE għoli u taqdi rwol importanti biex tiżgura edukazzjoni ta' kwalità, tibni kuntatti eqreb bejn iż-żgħażaġh Ewropej, trawwem identità Ewropea komuni u tappoġġa riformi politiċi fil-qasam edukattiv.

JILQA' l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-iżvilupp tal-iskejjel u t-tagħlim eċċellenti għal bidu tajjeb fil-ħajja,⁴ li tidentifika tliet oqsma fejn tinħtieġ azzjoni u fejn l-appoġġ fuq livell Ewropew jista' jgħin.

Għaldaqstant, b'kont dovut għas-sussidjarjetà u f'konformità ma' ċirkostanzi nazzjonali, JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI biex jiffokaw fuq l-oqsma ta' prijarità li ġejjin:

12. Jiżguraw edukazzjoni inklużiva u ta' kwalità għolja,⁵ u jikkontribwixxu għall-iżvilupp tat-talenti u l-potenzjal tal-istudenti kollha billi:
- a) jappoġġaw lill-iskejjel fl-applikazzjoni ta' approċċ għal skola sħiħa biex jiżviluppaw it-tagħlim li jippromwovi kultura skolastika aktar inklużiva, attraenti u ta' sostenn fejn iċ-ċentru tal-attenzjoni jkun fuq il-benesseri tal-komunità skolastika kollha u b'tolleranza zero għal kwalunkwe bullying, vjolenza u diskriminazzjoni;
 - b) jieħdu passi biex jiżguraw il-kisba ta' għarfien solidu dwar is-suġġett flimkien mal-iżvilupp ta' firxa sħiħa ta' kompetenzi ewlenin, speċjalment kompetenzi soċjali u ċiviċi, kif ukoll il-promozzjoni ta' valuri komuni⁶;
 - c) jappoġġaw il-motivazzjoni tal-istudenti, il-kompetenza tagħhom biex jitgħallmu kif jitgħallmu u s-sjieda tat-tagħlim, u l-promozzjoni ta' leħen l-istudenti, id-djalogu demokratiku u l-parteċipazzjoni fil-ħajja skolastika;

⁴ 9842/17.

⁵ Kif imsemmi fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, dwar l-inklużjoni fid-diversità biex tinkiseb edukazzjoni ta' kwalità għolja għal kulħadd (Frar 2017).

⁶ Kif imsemmi fid-Dikjarazzjoni dwar il-promozzjoni taċ-ċittadinanza u l-valuri komuni tal-libertà, it-tolleranza u n-nondiskriminazzjoni permezz tal-edukazzjoni.

- d) jarrikkixxu l-esperjenzi tat-tagħlim filwaqt li jappoġġaw l-użu tat-teknoloġiji diġitali u jinkoraġġixxu attivitajiet li jorbtu t-tagħlim mal-esperjenza tal-ħajja vera, pereżempju permezz ta' tagħlim imsejjes fuq proġetti u t-tfittxija għal soluzzjonijiet, esperjenzi fuq il-post tax-xogħol jew l-involvement f'attivitajiet tal-komunità lokali;
- e) jinvestu f'appoġġ f'waqtu u mmirat lejn studenti bi bżonnijiet edukattivi speċjali u dawk ġejjin minn kuntasti żvantaġġati u li jinsabu f'riskju partikolari, billi jużaw firxa wiesgħa ta' mezzi, fosthom billi jipprovdu aċċess aħjar għal ambjent inklużiv u jiffokaw fuq it-transizzjonijiet fis-sistema edukattiva u dawk mill-iskola għas-suq tax-xogħol;
- f) jinvestu f'edukazzjoni u kura bikrija ta' kwalità għolja tat-tfal⁷ li jkunu aċċessibbli u disponibbli għat-tfal kollha.

13. Isaħħu l-pożizzjoni tal-għalliema u tal-mexxejja tal-iskejjel billi:

- a) ixaqilbu l-politika tagħhom lejn waħda komprensiva għall-għalliema li tkopri l-istadji kollha tal-karrieri professjonali tagħhom u tiegħu vantaġġ mid-diġitalizzazzjoni fl-edukazzjoni;
- b) jagħmlu l-karrieri tagħhom aktar attraenti billi joffru kondizzjonijiet tax-xogħol ta' kwalità tajba u jżidu l-appoġġ, l-informazzjoni dwar il-prestazzjoni u l-gwida, b'mod partikolari għall-għalliema u l-mexxejja tal-iskejjel il-ġodda;
- c) joffru edukazzjoni inizjali għall-għalliema li tkun ta' kwalità b'attenzjoni partikolari fuq it-tħejjija tajba tal-prattika fil-klassi li għandha ddum sal-istudji kollha tagħhom u, fejn xieraq, taħt il-gwida ta' mentors imħarrġa;
- d) jinvestu fl-iżvilupp u t-tkabbir professjonali kontinwu tagħhom matul il-fażijiet kollha tal-karrieri tagħhom u jsaħħu t-tmexxija tal-iskola;
- e) jappoġġaw it-tħejjija u l-iżvilupp professjonali tal-edukaturi tal-għalliema u l-mentors u jwessgħu l-firxa ta' esperjenzi fl-edukazzjoni u t-taħriġ tal-għalliema;

⁷ Kif imsemmi fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-kura u l-edukazzjoni bikrija tat-tfal: nagħtu lil uliedna l-aqwa bidu għad-dinja ta' għada (19 u 20 ta' Mejju 2011).

- f) isaħħu l-kollaborazzjoni mmirata, in-networks ta' tagħlim, il-komunitajiet online u l-prattiki pedagoġiċi innovattivi fost l-għalliema u l-mexxejja tal-iskejjel, u jinvolvu partijiet ikkonċernati oħra.

14. Ixaqilbu l-governanza lejn waħda aktar effikaċi, ekwitabbli u effiċjenti billi:

- a) isibu bilanċ xieraq bejn l-awtonomija u l-obbligu ta' rendikont bil-ħsieb li jappoġġaw titjib u innovazzjoni kontinwi fil-livelli tal-iskejjel u tas-sistemi;
- b) ikomplu jiżviluppaw is-sistemi tal-assigurazzjoni tal-kwalità, inkluż il-valutazzjoni tagħhom stess, l-evalwazzjoni kwantitattiva u kwalitattiva skont iċ-ċirkostanzi u l-politiki nazzjonali, li huma msejsa fuq fehim komprensiv tal-iżvilupp tal-iskejjel li huwa stabbilit u kondiviż fost il-partijiet ikkonċernati;
- c) jappoġġaw politiki bbażati fuq l-evidenza u jużaw id-data b'mod bilanċjat u xieraq, inkluż dik minn studji komparattivi internazzjonali u mill-Monitoraġġ tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ;
- d) jistinkaw għal infiq suffiċjenti u effiċjenti fuq l-edukazzjoni fl-iskejjel u għall-aħjar użu tar-riżorsi fil-livelli kollha, u, fejn xieraq, iqanqlu riformi strutturali tal-edukazzjoni fl-iskejjel.

JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI biex tikkomplementa l-azzjonijiet meħuda mill-Istati Membri u tappoġġa l-kooperazzjoni tagħhom bil-ħsieb li:

- 15. twessa' l-kooperazzjoni bejn l-iskejjel billi tagħmel is-sħubiji bejn l-iskejjel, l-eTwinning, u l-mobbiltà tal-istudenti, tal-persunal u tal-edukaturi tal-għalliema – inkluż b'esperjenza Prattika Barra l-pajjiż għall-għalliema u l-mexxejja tal-iskejjel il-ġodda u futuri – aktar aċċessibbli permezz tal-programm Erasmus+;
- 16. permezz tal-iskambju tal-aħjar Prattiki u ta' tagħlim bejn il-pari, tinkoraġġixxi l-iżvilupp ta' sett wiesa' ta' kompetenzi ewlenin għaż-żgħażagħ, fosthom ħiliet bażiċi, kompetenzi diġitali u kompetenzi li jgħinu fl-iżvilupp personali u soċjali u liċ-ċittadinanza attiva;

17. ittejjeb l-istat ta' tħejjija tal-iskejjel għat-tagħlim tal-era diġitali, pereżempju billi tippromwovi l-evalwazzjoni tal-ġhalliema minnhom stess u l-iżvilupp ta' ħliet diġitali permezz tal-Qafas ta' Kompetenza Diġitali, tesplora l-potenzjal ta' għodda għall-iskejjel biex volontarjament jevalwaw il-kapaċità diġitali huma stess, u tkompli tiżviluppa l-komunitajiet u r-riżorsi online tal-UE;
18. trawwem l-edukazzjoni fix-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija, (l-arti) u l-matematika (STE(A)M) billi tippromwovi l-aħjar Prattiki, issaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-iskejjel u s-setturi tal-edukazzjoni għolja, tar-riċerka u l-kummerċ fil-livell tal-UE, u tindirizza d-disparità bejn is-sessi u l-istereotipi b'mod effettiv;
19. issaħħaħ l-attivitajiet ta' tagħlim bejn il-pari u ta' konsulenza bejn il-pari u l-iskambju tal-aħjar Prattiki, b'mod partikolari dwar l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal, l-assigurazzjoni tal-kwalità, l-iżvilupp tal-karrieri u dak professjonali tal-ġhalliema u tal-mexxejja tal-iskejjel, u l-edukazzjoni inklużiva;
20. tippromwovi u tappoġġa l-inklużività fl-edukazzjoni, inkluż permezz tal-esperimentazzjoni politika dwar it-tagħlim tal-istudenti li ġejjin minn kuntesti lingwistiċi u kulturali differenti, u ssaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Aġenzija Ewropea għall-Bżonnijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva, kif ukoll aġenziji u organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti oħra;
21. tippromwovi u tappoġġa r-riċerka dwar l-edukazzjoni u t-tixrid tar-riżultati ta' riċerka edukattiva, u tiżviluppa aktar sinerġiji mal-OECD b'koordinazzjoni mal-Istati Membri biex tipproduċi data u rapporti komparattivi konġunti dwar l-edukazzjoni fl-iskejjel, inkluż permezz ta' ġbir aktar effiċjenti ta' data konġunta mill-Eurydice u l-OECD;
22. tgħin lill-Istati Membri li volontarjament ifittxu l-għajjnuna biex ifasslu u jimplimentaw riformi maġġuri tal-edukazzjoni fl-iskejjel billi tistabbilixxi arranġament ta' appoġġ tekniku bbażat mid-domanda b'kont xieraq meħud tas-sussidjarjetà. Is-servizzi tal-Kummissjoni, inkluż is-Servizz ta' Sostenn għar-Riforma Strutturali, u l-istrumenti ta' finanzjament tal-UE, bħall-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej u Erasmus+, jistgħu jipprovdu appoġġ.

BARRA MINN HEKK JENFASIZZA L-IMPORTANZA LI

23. il-Kummissjoni tqis b'mod sħiħ dawn il-konklużjonijiet meta tħejji l-proposti tagħha għall-qafas ta' kooperazzjoni strateġika futur fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ u l-programm tal-Unjoni dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ wara l-2020.
-

Kuntest Politiku

1. Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tħejjija taż-żgħażaġh għas-seklu 21: aġenda għall-kooperazzjoni Ewropea dwar l-iskejjel (21 ta' Novembru 2008).
2. Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill – Titjib tal-kompetenzi għas-Seklu^o21: aġenda dwar kooperazzjoni Ewropea dwar l-iskejjel (3 ta' Lulju 2008).
3. Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ ("ET2020") (12 ta' Mejju 2009).
4. Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-kura u l-edukazzjoni bikrija tat-tfal: nagħtu lil uliedna l-aqwa bidu għad-dinja ta' għada (19 u 20 ta' Mejju 2011).
5. Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-edukazzjoni effettiva tal-ġhalliema (20 ta' Mejju 2014).
6. Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tmexxija effettiva fl-edukazzjoni (25 u 26 ta' Novembru 2013).
7. Dikjarazzjoni dwar il-promozzjoni taċ-ċittadinanza u l-valuri komuni tal-libertà, it-tolleranza u n-nondiskriminazzjoni permezz tal-edukazzjoni (Pariġi, 17 ta' Marzu 2015).
8. Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rwol tal-edukazzjoni bikrija tat-tfal u l-edukazzjoni bażika fit-trawwim tal-kreattività, l-innovazzjoni u l-kompetenza diġitali (18 u 19 ta' Mejju 2015).
9. Rapport Konġunt tal-2015 tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ (ET 2020) — Prijoritajiet ġodda għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ (23 u 24 ta' Novembru 2015).
10. Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tnaqqis tat-tluq bikri mill-iskola u l-promozzjoni tas-suċċess fl-iskola (23 u 24 ta' Novembru 2015).

11. Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar il-promozzjoni tal-iżvilupp u l-inklużività soċjoekonomiċi fl-UE permezz tal-edukazzjoni: il-kontribut tal-edukazzjoni u t-taħriġ għas-Semestru Ewropew 2016 (24 ta' Frar 2016).
 12. Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Aġenda Ġdida għall-Filiet għall-Ewropa: naħdmu flimkien biex insaħħu l-kapital uman, l-impjegabbiltà u l-kompetittività (10 ta' Ġunju 2016).
 13. Monitoraġġ tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ 2016 (7 ta' Novembru 2016).
 14. Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – It-titjib u l-immodernizzar tal-edukazzjoni (7 ta' Diċembru 2016).
 15. Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, dwar l-inklużjoni fid-diversità biex tinkiseb edukazzjoni ta' kwalità għolja għal kulħadd (17 ta' Frar 2017).
 16. Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – L-iżvilupp tal-iskejjel u t-tagħlim eċċellenti għal bidu tajjeb fil-ħajja (30 ta' Mejju 2017).
-